MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2005

Numru. 467/2005

PULIZIJA
SPETTUR ANGELO GAFA'
VS
LAWRENCE MONTEBELLO

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Lawrence Montebello, ta' 50 sena, bin Joseph u Antonia nee' Cassar, imwieled Vittoriosa fis-26 ta' Dicembru 1954, residenti f'54, Marina Gate Street, l-Isla, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 20055(M), u akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-30 t'April 2005, u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, fil-hanut Digitech f'Upper Hill, Rahal Gdid, xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema

imxebbhin b'qerq, u cioe' 85 optical diskettes konsistenti f'DVD's u audio CD's.

Kif ukoll talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, ghal qligh, jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti kienet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kif dedotti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, wara li rat Artikli 298B, 298(1)(f) tal-Kap 9, u Artiklu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundannah ghal multa ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) li jithallas b'rata mensili fi zmien sitt xhur u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------